## 2 ta' Frar, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Joseph Ciarlò

*versus*

Annunziata mart Carmelo Barbara, minnu assistita.

**Self — Raħan — Mara Miżżewġa — Kunsens tar-Raġel — Nullità — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Inkapaċità — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 782(c), 784, 790 u 791 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Mara miżżewġa ma tistax teżerċita l-kummerċ mingħajr il-kunsens ta' żewġha.*

*Kwalunkwe operazzjoni li tagħmel il-mara miżżewġa, mingħajr il-kunsens jew l-intervent ta' żewġha, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti hija nulla, ammenocchè ma tkunx xi konvenzjoni għall-bżonnijiet tad-dar ordinarji u ta' kull jum.*

*Kreditu naxxenti minn self magħmul minn marra miżżewġa jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk ir-raġel għandu jkun parti fil-kawża dwar l-istess kreditu bħala kap ta' l-istess komunjoni.*

*Mhux biżżejjed li l-mara miżżewġa hija mħarrka "bl-assistenza tar-raġel", għax b'dik l-assistenza r-raġel ma jsir qatt parti fil-kawża.*

il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress illi Anna Ciarlò, mart l-istanti, ikkonsenjat lill-konvenuta diversi oġġetti ta' deheb u ħaġar prezzjuż, appartenenti lill-istanti, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; premess illi kull kontrattazzjoni li setgħet għamlet mart l-istanti, kompriża l-konsenja ta' l-oġġetti fuq riferiti, saru mingħajr il-kunsens tiegħu u għalhekk huma nulli — talab illi l-konvenuta tkun kundannata li, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha ffissat, tirrestitwixxi lill-istanti l-oġġetti kollha ta' deheb u ħaġar prezzjuż fuq riferiti li hija rċeviet mingħand martu mingħajr il-kunsens tiegħu, u fin-nuqqas l-istess konvenuta tkun ikkundannata tħallsu l-valur tagħhom fl-ammont li tistabbilixxi din il-Qorti; bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Marzu, 1964, kontra l-konvenuta;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-konvenuta ssollevat in linja preliminari l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna għaliex mhijiex persuna kapaċi li toqgħod fil-kawża, billi hija mara miżżewġa, u għalhekk il-kawża messa ġiet istitwita kontra r-raġel tagħha;

Ikkunsidrat:

Li, qabel xejn aħjar jiġi affermat li ma ngħabet ebda prova li minnha wieħed jista' jiddesumi li l-konvenuta hija pubblika merkantessa ("foemina mercatrix") fis-sens tal-liġi; u anqas ma ġie pruvat li r-raġel tal-konvenuta ta espressament il-kunsens tiegħu sabiex martu, il-konvenuta, tiġi mħarrka; iżda ċ-ċitazzjoni hija diretta kontra l-konvenuta, bl-assistenza ta' żewġha;

Ikkunsidrat:

Li mix-xhieda tal-konvenuta li tinsab ukoll konfortata minn dik ta' l-attur irriżulta li r-rahan in kwistjoni sar fuq self ta' flus li mart l-attur ħadet mingħand il-konvenuta; u li għalhekk ma jidhirx li f'dana s-self tista' tkun estranea l-preżenza tar-raġel tal-konvenuta f'dina l-kawża bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u dan ġia la darba ġie pruvat li l-konvenuta ma kienitx qegħda tagħmel dawn l-operazzjonijiet spordiċi bħala pubblika merkantessa.

Li, infatti, huwa risaput li l-mara miżżewġa ma tistax teżerċita l-kummerċ mingħajr il-kunsens ta' żewġha (Kollez. XXXVII, iii, 938, 941); u kwalunkwe operazzjoni li tagħmel il-mara miżżewġa, mingħajr il-kunsens jew l-intervent ta' żewġha, jew mingħajr awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti hija nulla, ammenocchè ma tkunx xi konvenzjoni għall-bżonnijiet tad-dar ordinarji u ta' kull jum (Kollez. XXXVIII, ii, 414). Issa l-operazzjoni ta' self żgur li ma tidħolx f'dina l-aħħar kategorija ta' konvenzjonijiet li l-mara tista' tagħmel bil-kunsens preżunt ta' żewġha; u għalhekk iċ-ċitazzjoni li saret kontra tagħha hija affetta minn nullità skond dak li jiddisponi l-art. 790(1) Kod. Proċ. Ċiv.

Li dina n-nullità tavvalora ruħha mill-konsiderazzjoni li l-attur ma ġieb ebda prova li ġiet b'xi mod irmedjata a tenur ta' l-art. 791 tal-Proċedura Ċivili, u għalhekk, trattandosi, mhux ta' obbligazzjoni proprja tal-mara, iżda ta' obbligazzjoni li tinvolvi l-komunjoni ta' l-akkwisti, l-azzjoni messa ġiet istitwita kontra r-raġel tal-konvenuta bħala kap ta' l-istess komunjoni, billi, kif ġa intqal, il-kreditu naxxenti minn self magħmul minn mara miżżewġa jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti; u għalhekk xejn ma jiswa li hija tidher fil-kawża bl-assistenza tar-raġel tagħha, għax b'dik l-assistenza r-raġel ma jsir qatt parti fil-kawża (Kollez. XXX. i,

969; XXXVII, ii, 610).

Li, infatti, dina mhijiex eċċezzjoni li titwieled mill-art. 784, 790, 791, tal-Proċ. Ċiv., li jirriferixxu ruħhom għal dawk l-azzjonijiet jew eċċezzjonijiet li huma proprji talmara, iżda hija eċċezzjoni li tappartjeni lill-raġel u għandha x'taqsam mal-komunjoni ta' l-akkwisti, u għalhekk il-preżenza f'dina l-kawża tar-raġel kienet esklusivament indispensabbli (Kollez. XXVII, i, 121).

Li, inoltri, il-konvenuta hija wkoll inkapaċi li toqgħod f'dina l-kawża, għaliex m'għandhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom hija bażata l-kawża, liema amministrazzjoni, trattandosi ta' komunjoni ta' l-akkwisti, hija nvestita fil-persuna ta' żewġha, li akond il-liġi għandu f'idejh dik l-amministrazzjoni (Art. 782(c) Proċ Ċiv.; Kollez. XXXIX, i, 160).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-konvenuta u tillibera l-istess konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.